MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 10/K6/2009 |
| Data: | It-Tlieta, 23 ta' Frar 2010 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.35 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Viċi Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat nhar il-Ħamis, 18 ta' Frar, 2010. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 08/K6/2010.
2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 09/K6/2010.
3. Materji mill-Minuti.
4. Korrispondenza.
5. Toroq li għandhom isiru mill-ADT fl-Imsida
6. Memo 32/2010 u t-tiswija tal-funtana faċċata tal-Għassa.
7. Approvazjoni tal-laqgħa tal-Komunita 2009
8. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
9. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
10. Affarijiet oħra jekk urġenti.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 10/K6/2009

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 08/K6/2010

365. Dott. Grima qal li l-kelma 'ħabba' f'minuta 310, għanda tiġi 'minħabba'.

366. Dwar minuta 331 (e), M Agius qal li għanda tiżdied it-tieni sentenza illi tgħid 'Għaldaqstant, tali ittra kienet ittawwal il-proċess għalxejn fejn il-Kunsill kien se jibqa mingħajr avukat, mingħajr raġuni valida'.

367. Dwar minuta 333, M Baldacchino qalet li għanda tiżdied sentenza li tgħid 'Ġie deċiż li l-Kunsill jgħati promozjoni lis-Sinjura Sonia Vassallo, għaż-żieda fil-volum ta' xogħol li ilha tgħamel għal dawn l-aħħar snin min meta is-Sinjura Rachel Aquilina bidet tieħu ammont ta' Maternity Leave'. Il-Kunsill qabel.

368. Dwar minuta 342, M Agius qal li għanda tiżdied sentenza fl-aħħar tal-minuta illi tgħid 'M Agius xorta oppona għal tali spejjeż'.

369. Dwar minuta 349, M Baldacchino qalet li l-kliem 'Reserved Parking' għandom jinbidlu f'*Un/Loading Bay*'.

370. Is-Sindku qal illi f'minuta 348, il-Kunsill kien qabel ukoll illi issir *sleeping policeman* fi Triq J Borg. Il-Kunsill qabel.

371. Dwar minuta numru 353, M Agius qal illi l-istabbilment li semma fi Triq l-Universita huwa dak ta' bieb numru 60.

372. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni. Dott. Grima issekonda. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 09/K6/2010

363. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni. Dott. Grima issekonda. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 3 Materji mill-Minuti 08/K6/2010

364. Dwar minuta 311, M Baldacchino saqsiet jekk saritx l-ordni tas-*stickers*. Is-Segretarju ikkonferma.

365. Dwar minuta 314, C Selvaggi saqsa kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku qal li l-materja ser tiġi diskussa fil-punt ta' Korrispondenza.

366. Dwar minuta 315, Dott. Grima saqsa kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku qal li l-materja ser tiġi diskussa fil-punt ta' Korrispondenza.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

367. E Brincat ħareġ mill-laqgħa. Ħin: 17.53

368. Dott. Grima saqsa saritx l-ispezzjoni fuq il-garaxx msemmi f'minuta 319. Is-Sindku qal li l-Kunsillier responsabli ma kienx preżenti biex iwieġeb dak il-ħin. Is-Sindku qal li sakemm is-sid tal-garaxx mhux jilmenta li ma jistax juża dan il-lok bħala garaxx, dan sinjal li qed jintuża bħala maħżen u li għaldaqstant l-kaxxa l-bajda għanda tibqa hemm.

369. C Selvaggi saqsa meta ser jiġu stallati il-*bins* tal-ħmieġ tal-klieb msemmija f'minuta 320. Is-Segretarju qal li ser jiġu stallati daqt għax kien hemm problemi fl-ordni tagħhom.

370. Dwar minuta 321, is-Sindku qal li saret il-laqgħa mas-Sur Kenneth De Martino, fejn għall-laqgħa attendew ukoll il-Kunsilliera M Agius u C Selvaggi. Is-Sindku irraporta li l-kumpanija għanda konvenju biex tmur topera minn San Ġwann. Huwa qal ukoll illi l-kumpanija tħalli żewġ karozzi min tagħha fuq barra u l-oħrajn huma kollha karozzi personali tal-ħaddiema. Is-Sur De Martino stqarr li għalkemm japrezza l-inkonvenjent li jinħoloq minħabba dan, hemm ftit illi huwa jista jgħamel biex isolvi l-problema.

371. Dott. Grima saqsa x'ġara mit-tiswija li għanda issir msemmija f'minuta 322. Is-Segretarju qal li għandu jgħamel it-tiswija s-sid tal-flats fi Triq l-Esperanto.

372. Dwar minuta 323, C Selvaggi qal li jidher li kien hemm ċertu problemi ta' immaniġjar tat-traffiku biex isiru *rumble strips* quddiem il-Mużew filgħodu. Is-Segretarju qal li ser jipprova jgħamilom mal-lejl.

373. C Selvaggi saqsa kienx hemm xi żvilupp f'minuta 329. Is-Segretarju qal li diġa ta' l-ordni lill-avukat biex jaħdem fuqha.

374. M Baldacchino saqsiet jekk hemmx xi data għal ftuħ tal-librerija. Is-Segretarju qal li l-Ministru tal-Edukazzjoni għada ma laqgħatx it-talba. Il-Kunsill qabel li jiproponi dati oħra konvenjenti għal Ministri.

375. M Baldacchino saqsiet jekk kienx hemm xi risposta dwar l-esklużjoni ta' Triq l-Għabex mill-*hamlet* tas-Swatar. Is-Segretarju qal li ma ingħata l-ebda tweġiba.

376 (a). Dott. Grima saqsa xi żviluppi kien hemm dwar minuta 347 u l-każ il-qorti kontra l-kumpanija Masquerade. Is-Segretarju qal li s-sid għadu ma ħallasx għad-depositu ta' *towercrane* u għaldaqstant sa ma jgħamel dan, il-ftehim ma jgħoddx.

376 (b). E Brincat daħal fil-laqgħa. Ħin: 18.10

377. Dwar minuta 349, M Baldacchino ikkonfermat illi l-*Bus Stop* ta' Triq Clarence saret u s-Segretarju qal li l-*Un/Loading bay* fi Antonio Bosio ġiet

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

rappurtata lill-Pulizija. C Selvaggi saqsa jekk il-kaxxa safra quddiem l-maħżen tal-forn fi Triq il-Ġdida tneħħietx.

Punt 4 Korrispondenza

378. 0364 - Is-Sindku preżenta l-korrispondenza dwar l-emendi fil-pjanti ta' applikazzjoni l-MEPA b'numru PA 03825/07 sabiex isir *supermarket* fi Triq Achille Ferris u Triq Zakkew. Il-Kunsill qabel li jerġa joġġezzjona għal din l-applikazjoni.

379. 0361 – Is-Sindku qara l-ittra fejn is-Sur Franco Naudi qed jitlob lill-Kunsill żmien ta' ġimgħa sabiex iwieġeb bl-avukat peress illi l-avukat tiegħu qiegħed msiefer. Il-Kunsill qabel li jistenna qabel jipproċedi.

380. 0243 – Is-Segretarju spjega illi l-kumpaniji MITA, HSBC, Vodafone, Maltapost, TCTC u Airmalta sponsorjaw kors bl-isem EBiz, għal kummerċjanti Misidjani sabiex jużaw l-internet fix-xogħol tagħhom. Dan il-kors ser isir fiċ-Ċentru Ċiviku u jibda x-xahar li ġej.

381. 0244 – Is-Segretarju qara d-direttiva mid-Dipartiment illi s-Sindku ma jistax iżomm linja tal-*mobile* f'isem il-Kunsill. Is-Segretarju għaldaqstant informa lill-Kunsilliera illi s-Sindku kien taħ lura l-linja tal-*mobile* li kien għamillu l-Kunsill.

382. 0356 – Is-Segretarju spjega illi l-avukat tas-Sur Michael Borġ qed jitlob il-Kunsill jgħati permess sabiex is-Sur Borġ iżomm dgħajsa fil-ġnien quddiem il-Knisja. Il-Kunsill ma qabilx.

383. 0362 – Is-Segretarju spjega li dan kien proġett ta' tgħalim li kien approva l-Kunsill preċedenti u li issa tlesta sabiex jitqassam fl-iskola primarja. Il-Kunsill qabel li wara li dan jitqassam, jidħol għat-tieni parti tal-proġett.

384. 0186 – E Brincat qal li l-Kuleġġ San Martin ser jorganizza *Blood Drive* fix-xahar ta' Marzu. Huwa qal li għamel kuntatt mal-Kuleġġ fejn qallhom illi ma hemmx oġġezjoni min naħa tagħna u li ser ngħinu sabiex ninfurmaw lir-residenti b'din l-attivita.

385. 0301 – M Baldacchino qalet illi fil-kisra tal-isqaq ta' Triq il-Kunċizzjoni l-madum sar jiżloq u xi karozzi *skidjaw* u ħabut f'xi djar. Il-Kunsill qabel li minnufih jgħamel l-interventi neċessarji biex jitneħħa l-periklu.

Punt 5 Toroq li għandhom isiru mill-ADT fl-Imsida

386. Is-Sindku qal li hawn ħafna toroq li huma responsabilità tal-Awtorità *Transport Malta* illi għadhom ma ngħatawx asfalt. Dawn jinkludu:
   a. Triq il-Ġdida fi Triq il-Knisja
   b. Triq il-Ġdida fi Triq il-Kunzar
   c. Sqaq Casolani

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

d. Triq il-Ġostra
e. Sqaq St. Venera
f. Triq Ċensu Farrugia
g. Parti minn Triq Innoċenz Zammit
h. Parti minn Triq il-Ħarrub.

Il-Kunsill qabel illi tinkiteb ittra lill-*Transport Malta* fejn il-Kunsill jilmenta b'din is-sitwazjoni. Il-Kunsill qabel li jitlob ukoll tweġiba ta' meta dawn it-toroq ser isiru. Il-Kunsill qabel li r-residenti ta' Triq Ċensu Farrugia jiġu infurmati b'din l-ittra billi titqassam fi djarhom.

387. C Selvaggi qal li preżentament ir-rampa li tgħati għal Triq Ċensu Farrugia hija mħarbta sew, u qed tiperikola l-aċċess għat-triq. Il-Kunsill qabel li għalkemm din mhux responsabilta' tiegħu, jgħati il-konkos lir-rampa biex jevita il-periklu.

Punt 6 Memo 32/2010 u t-tiswija tal-funtana faccata tal-Għassa

388. Is-Segretarju spjega illi l-Kunsill jista japlika għall-fondi speċjali permezz ta' Memo 32/2010 sabiex isiru tiswijiet fil-lokal waqt attivitajiet nazjonali. Il-Kunsill qabel li jintalbu l-fondi sabiex tissewwa l-funtana ta' quddiem l-Għassa sabiex din tkun qed titħaddem meta iżur pajjiżna l-Papa.

Punt 7 Approvazjoni tal-laqgħa tal-Komunita 2009

389. M Baldacchino qalet li hemm bżonn issir korrezjoni fejn jinbidel l-isem tas-Sindku fir-rapport.

390. Dott. Grima qal li l-laqgħa ma mxietx skond Artiklu 70 tal-Kapitlu 363 tal-liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ir-rapport ma għandux jiġi approvat. Is-Segretarju qal li sa fejn jaf hu, Artiklu 70 ma jgħid xejn li r-rapport għandu l-ewwel jiġi approvat mill-Kunsill qabel jiġi preżentat fil-laqgħa tal-Komunita, filwaqt li tenna li d-Dipartiment għal Gvern Lokali kien informa lill-Kunsill b'avviż li f'ġimgħatejn jgħamel tali laqgħa, u li l-proposta ta' Dott. Grima biex il-laqgħa issir wara ix-xahar ta' Jannar kienet tmur kontra l-liġi peress illi l-laqgħa trid issir qabel ma jiġu approvati l-estimi finanzjarji, li fuqhom ukoll kien hemm *deadline* preċiża mill-Awditur Ġenerali.

391. Il-Kunsill qabel li jitlob kjarifika dwar din il-materja.

Punt 8 Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet

392. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet K6/Min10 għall-approvazjoni.

393. Dott. Grima issekonda. Il-lista ġiet approvata u iffirmata mis-Sindku, Dott Grima u s-Segretarju Eżekuttiv.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Punt 9 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.

394. (a) Mis-Sotto Kumitat dwar permessi tal-MEPA, E Brincat preżenta rapport dwar l-applikazjoni għall-proġett ta' *storm water relief* fi Triq il-Wied. Il-Kunsill, filwaqt li huwa fi qbil, faħħar il-proġett ambizjuż mill-MRRA. Il-Kunsill Lokali iżda huwa mħasseb dwar il-ħruġ tal-ilma tax-xita fil-bajja ta' Ta' Xbiex, illi ħafna residenti jużaw għal għawm fis-sajf. Il-Kunsill jibża li l-kwalita tal-ilma baħar hawn tonqos u ma jkunx jista jsir aktar għawm. Il-Kunsill qabel li jissuġerixxi illi l-ilma tax-xita jinħareġ dritt barra l-port.

394. (b) Fuq nota oħra, l-Kunsill innota illi l-proġett ser ikun għaddej mill-ġibjun kbir ta' taħt l-iskatepark. Il-Kunsill qabel li jiproponi illi issir bokka sabiex l-ilma min dan il-ġibjun ikun jista jintuża regolarment għat-tisqija jew ħwejjeġ oħra.

395. Mis-Sotto Kumitat Relazjonijiet Intergovernattivi, M Agius spjega li sar rapport uffiċjali mingħandu lill-Enemalta dwar id-dewmien esaġerat biex jiġu approvati bozzoz ġodda fit-toroq tal-Imsida. Huwa semma ukoll li sar progress fil-qlugħ ta' arbli tal-Enemalta min fuq il-bankini fejn l-Universita, u li issa ser jibda l-proċess ta' tneħħija ta' arbli mill-inħawi tal-Qroqq.

Punt 10 Affarijiet oħra jekk urġenti

396. Is-Sindku qal li hemm turġien ta' djar privati ħerġin fuq il-bankina fi Triq tal-Qroqq. Is-Sindku propona biex naraw tistax titwessa l-bankina sabiex jingħata passaġġ lir-residenti biex jużaw il-bankina.

397. M Baldacchino qalet li għanda issir Mera u STOP sign fil-kantuniera ta' Sawmill Street ma Mons. Dandria; sabiex titneħħa kaxxa safra quddiem il-ħanut 'Eureka' fl-istess triq; u sabiex isir patching fi Triq C De Brockdorff mill-kuntrattur.

398. M Agius propona li l-Kunsill jivverifika l-proċess ta' aplikazjoni biex issir *zebra crossing* fi Triq Dun Karm bejn is-Swatar u l-Isptar Mater Dei.

399. Dott Grima qal li hemm bżonn tiswija fil-bankina ta' Triq Principessa Margerita quddiem il-ħanut tal-*mobile phones*.

400. C Selvaġġi fakkar sabiex il-Kunsill jiverifika mas-Civil Protection fuq l-użu ta' maħżen fi Triq il-Ħriereb għall-ħażna ta' żebgħa u *thinner*. Huwa saqsa ukoll hemmx risposta mit-TM dwar il-kaxxa safra quddiem it-tappiżżar fi Triq il-Ħarrub. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Approvati llum ______________________________________________

Nutar Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Eżekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com